# Il-qima u d-devozzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan, lejn San Ġużepp

**P. Charlo Camilleri O.Carm**

Il-Karmelu hu Ordni Marjan. U dan mhux tant minħabba d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija, iżda iktar minn hekk minħabba l-Ħajja Marjana, li l-karatteristika ewlenija tagħha hi li n-Nisrani jilqa' l-Kelma ta' Alla bl-ispirtu ta' Marija, iħalliha titnissel f'qalbu bl-istess spirtu ta' Marija, ilaħħamha f'ħajtu wkoll bl-istess spirtu ta' Marija u jgħaddiha lid-dinja bl-istess spirtu ta' Marija.

Naturalment, id-devozzjoni lejn Marija toħroġ minn din il-ħajja li hi kollha kemm hi ċċentrata fuq Kristu. B'mod naturali, minn dan, fil-Karmelu nsibu mħabba speċjali lejn il-familjari u lejn dawk il-persunaġġi li huma marbutin ma' Marija Verġni, Patruna ta' l-Ordni. L-ewwel fosthom San Ġużepp, ir-raġel ta' Marija, Santa Anna u San Ġwakkin, il-ġenituri ta' Marija u n-nanniet ta' Ġesù.

San Ġużepp hu meqjum bħala l-Protettur Ewlieni tal-Ordni, fil-waqt li Santa Anna u San Ġwakkin huma meqjuma bħala l-Protetturi Sekondarji. Mill-imħabba u l-qima lejn San Ġużepp fil-Karmelu, gawdiet il-Knisja kollha, għax bosta jżommu li kien fil-Karmelu li tnissel għall-ewwel darba l-kult sħiħ (liturġiku) lejn San Ġużepp ir-raġel ġust li f'idejh Alla "afda l-misteru tas-salvazzjoni sakemm kien għadu fil-bidu tiegħu".

Il-Karmelitani jqimu lil San Ġużepp bħala dak ir-raġel ġust li ddedika ħajtu għaż-żewġ imħabbiet kbar ta' qalbu: Ġesù u Marija. Għalhekk il-Karmelitani jaraw fih mudell fl-għajxien tal-vokazzjoni tagħhom kontemplattiva, li hi proprju li jingħataw kollhom kemm huma għall-qadi ta' Kristu u ta' Marija bħalu. Dwar dan il-Karmelitan Ġwanni Brenninger jikteb hekk fid-Duttrina Spiritwali tal-Karmelu:


Patri Avertan Fenech, Karmelitan

### Ġieħ tassew partikulari

Jistħoqqlu ġieħ tassew partikulari, San Ġużepp, il-Missier Putattiv tal-Iben ta' Alla, l-Għarus tal-Imqaddsa Marija u l-Protettur Ewlieni tal-Ordni Mqaddes tagħna u li sa minn żmien l-imgħoddi hu gawda fostna qima l-aktar għolja. [...] Kif qatt nistgħu aħna ninsew lil dak li tant kien iħobb lill-Omm l-aktar ħelwa tagħna u li lilha kien jobdi b'fedeltà?

Ma għandux, dak l-Ordni li għal Marija hu qaddis bl-iktar mod waħdieni, jistenna li jaqla' kollox mingħand ir-raġel tagħha? Alla ried li San Ġużepp ikun għal Ġesù missier bid-dmirijiet u d-drittijiet kollha. Għalhekk tah qalb ta' missier mimlija mħabba tenera u naturali u mżejjen ukoll b'imħabba sopranaturali lejn l-Iben putattiv tiegħu.

Din l-imħabba kienet tikber għas-sbuħija u l-ħlewwa li kienu jidhru fit-tfajjel divin u wkoll għar-radd ta' ħajr u l-ubbidjenza li bihom Ġesù kien ipatti għal din l-imħabba ta' missier li sab f'San Ġużepp. Il-ħajja ta' San Ġużepp kienet kopja perfetta tal-ħajja ta' Ġesù u ta' Marija. Ħadd qatt ma resaq lejhom daqsu! Hu fil-fatt kien jagħmel dak kollu li kien jogħġob lil Ġesù u lil Marija.

Bħala missier ta' familja, qatt ma għex għal xejn aktar jekk mhux għal dawk li hu kien iħobb.

> Il-Karmelitani jqimu lil San Ġużepp bħala dak ir-raġel ġust li ddedika ħajtu għaż-żewġ imħabbiet kbar ta' qalbu: Ġesù u Marija

Ħadd daqs San Ġużepp ma kien qatt megħjun b'tant qawwa mill-grazzja u l-eżempju ta' Ġesù, u wkoll mill-eżempju u t-talb ta' Marija. Ħadd daqsu qatt ma gawda tant familjarità ma' Ġesù u Marija! Hu l-ħin kollu jammirahom u jagħtihom ġieħ, jitħaddet magħhom bi ħlewwa intima, u meta kien jeħtieġlu jitbiegħed minnhom, hu kien jibqa' jaħseb fihom u jgħożżhom f'qalbu. Kollox għalihom kien jagħmel u għalihom ħela saħħtu kollha. Għalihom l-ebda sagrifiċċju ma kien iħossu tqil u esaġerat. L-imħabba għal Ibnu putattiv u għall-għarusa tiegħu kienet minn jum għal ieħor tħeġġu fl-imħabba. Għalihom hu ċaħad kollox, għax għalih huma t-tnejn kienu kollox. Liema eżempju tal-għaġeb ħallielna San Ġużepp!

Bħala Ordni kontemplattiv, il-Karmelu minn dejjem kien meqjus skola ta' talb! Il-kontribut u r-rwol fil-Knisja tal-Karmelu, l-iktar permezz tal-Qaddisin Karmelitani li dejjem spikkaw bħala Għalliema tal-Ħajja Ġewwinija, huwa proprju l-Ħajja tat-Talb jew kontemplattiva. Il-Papiet, ukoll dawk reċenti, jgħarfu lill-Karmelitani tassew, bħala esperti tat-taħdita ma' taqta xejn ma' Alla. Issa wieħed mill-mezzi biex wieħed jasal għal dan l-ideal hija r-Regola tat-Talb Personali.

### Diversi pitazzi ċkejknin mimlijin bit-talb

Fl-Arkivju tal-Karmnu tal-Mdina nsibu diversi pitazzi ċkejknin mimlijin bit-talb vokali, ġakulatorji u eżerċizzji tat-talb għal kull jum. Dawn il-pitazzi ċkejknin li wieħed jista' jġorrhom dejjem fuqu kienu tal-patrijiet u l-frajiet l-imgħoddija. Dari kien hemm id-drawwa sabiħa li fin-novizzjat, is-Surmast kien jagħti lin-novizzi din il-biċċa xogħol li jfassal għalih il-ktejjeb tat-talb. Ħarsa lejn dawn il-pitazzi u l-kitba fihom tikxef l-ispiritwalità tal-patri partikulari li jkun fassal il-pitazz tat-talb.

Mill-pitazz tat-talb tal-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, nistgħu nieħdu profil tal-ħajja tat-talb u devozzjonali tiegħu. Minn dan il-pitazz nindunaw li l-Qaddej ta' Alla kellu devozzjoni kbira lejn il-Quddiesa u l-Preżenza Reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija, lejn il-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb Safja ta' Marija, lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju u lejn San Ġużepp li hu jsejjaħlu fit-talb tiegħu "Missier tagħna".

F'dan il-pitazz insibu wkoll santa tal-Profeta Elija, oħra tal-Wiċċ Imqaddes ta' Kristu, oħra ta' San Mikiel u santa-ritratt iswed u abjad tal-kwadru tal-altar tal-kappella ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat. Il-kwadru titulari ta' din il-kappella, impitter fl-1874 mill-artist Pietro Gagliardi, juri lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali.

Ta' min jinnota hawnhekk li dan il-kwadru hu kontemporanju mal-Qaddej ta' Alla li twieled fl-1871 fil-Mosta u li wara

għal paġna 17

# Talb mill-pitazz ta' Patri Avertan

minn paġna 16

l-formazzjoni tiegħu fil-Belt u San Ġiljan, qatta ħajtu fil-Karmnu tal-Imdina bir-responsabbiltà tal-formazzjoni tan-Novizzi għal sitta u għoxrin sena sħaħ, u li għalihom kien tassew missier li fuq l-eżempju ta' San Ġużepp ħa ħsieb "il-misteru" tal-vokazzjoni tagħhom "sakemm kien għadu fil-bidu tiegħu".

Fil-ħajja tal-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, naraw fil-fatt mera ta' dak li għandu jkun il-Karmelitan hekk kif ifissru Ġwanni Brenninger fis-silta li kkwotajna. Li kieku minn dak it-test, fejn l-awtur jiddeskrivi r-relazzjoni ta' Ġużeppi ta' Nażaret ma' Ġesù u Marija, ikollna nibdlu l-isem San Ġużepp f'Patri Avertan Fenech, ikollna l-profil spiritwali tassew ta' dan ir-reliġjuż ta' fama ta' qdusija li baqa' magħruf fost kulħadd għall-qalb "bħal ġilju...safja, imbegħda, mill-ħtijiet", l-istess kif jgħanni l-Poeta Karmelitan, kontemporanju ta' Patri Avertan, il-Prof. Patri Anastasju Cuschieri fl-innu lil San Ġużepp.



(10)

chia, deh! ottenetemi da Dio che io possa uscirne senza colpa

Indulgenza di 100 giorni (una volta al giorno.)

Sacro Cuor di Gesù, io confido in Voi.

(Indulgenza di 300 giorni ogni volta)

(Ind: Plen: una volta al mese a coloro che la reciteranno tutti i giorni Pio X 27 Maggio 1905.)

O San Guisepp, missier putattiv ta Gesù Cristu u veru gharus ta Maria Vergini, itlob ghalina

(11)

u ghal agonizzanti ta dal-jum (jeu ta dal-lejl.

Talba lil S. Giusepp Custodiu tad-Djar tal insara —

Missierna S. Giusepp cun int il ghassa ta darna, ehlisna mid=dnub, min cul marda, min cull tigrif tar-ruh u tal gisem.

Indulgenza ta 100 jum.

Preghiera quotidiana per gli agonizzanti —

O clementissimo Gesù, amante delle anime, vi prego per l'ago

Talbiet lil San Ġużepp mill-pitazz tat-talb ta' Patri Avertan

## Devozzjoni

Nisthajjel u ngħid bejni u bejn ruħi min jaf b'liema devozzjoni għex il-wasla tal-istatwa ta' San Ġużepp fl-1930 fl-Oratorju tal-Kunvent tal-Karmnu fl-Imdina fejn għamlet lejl sakemm ittieħdet proċessjonalment lejn il-Knisja ta' Ġieżu fir-Rabat!

Għax tassew, il-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, kien devotissimu ta' San Ġużepp. L-ewwel nett hu kien miktub fil-Pia Unione del Transito di San Giuseppe li twaqqfet mis-Saċerdot San Luigi Guanella (1842-1915) bl-approvazzjoni u l-għajnuna tal-Papa San Piju X. L-għan ta' din il-Pia Unione huwa doppju

1) li xxerred fid-dinja il-qima lejn San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali u tal-mewta t-tajba;

2) li tiġbor l-ikbar numru possibbli ta' saċerdoti u lajċi fi Kruċjata ta' talb u opri tajba bħala għajnuna spiritwali għall-moribondi. Is-sede ta' din il-Pia Unione tinsab biswit il-Knisja ta' San Ġużepp li nbniet fil-Ġublew saċerdotali u episkopali ta' San Piju X u li hi mmexxija mis-saċerdoti ta' Don Guanella. F'Malta l-Pia Unione twaqqfet fil-Knisja tal-Lunzjata tad-Dumnikani fil-Birgu bħala fil-jali ta' dik Primarja f'Ruma nhar it-2 ta' Marzu tal-1918 b'digriet tal-Isqof Dom Mauro Caruana, O.S.B. Il-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech inkiteb dik is-sena stess nhar it-13 ta' Diċembru 1918.

Il-miktubin jimpenjaw irwieħhom li jitolbu t-talba ta' San Ġużepp għall-agonizzanti spiss matul il-jum. Din it-talba fil-fatt insibuha fil-pitazz tat-talb tal-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, u li hawnhekk inġibuha kif kitibha hu: O San Giusepp, missier putattiv ta' Gesù Cristu u vero gharus ta Maria Vergini, itlob ghalina u ghal agonizzanti ta dal-jum (jeu ta dal-lejl).

Fl-istess pitazz insibu, marbutin mal-istess devozzjoni lejn San Ġużepp Patrun tal-agonizzanti, bħal tridu u settenarju bit-titlu: Talbiet lil Patriarca S. Giusepp. Biex jakilgħilna meuta taiba.

Dan it-talb jittallab mingħand San Ġużepp il-ħelsien minn mewta għal għarrieda, biex wieħed jaqla' l-grazzja li jkun jaf li qed imut u jħejji ruħu bi qrara tajba magħmula bi ndiema tassew, il-grazzja li wieħed jirċievi l-Viaticum u l-Griżma tal-Morda waqt l-agunija.

Grazzja oħra mitluba lil San Ġużepp f'dan it-talb hi dik tal-preżenza tas-saċerdot biex waqt l-agunija jassistih billi jfakkru fil-Passjoni ta' Sidna u d-Duluri ta' Marija Santissima. Flimkien ma' dan San Ġużepp hu mitlub ukoll biex ikun ta' ħarsien fl-agunija biex wieħed jiddistakka ruħu minn dnubietu u biex ikun ukoll imħares mill-attakki tax-xitan fl-aħħar siegħa tal-ħajja.

## Talb

Il-Qaddej ta' Alla jitlob ukoll lil San Ġużepp biex ikun hu li jiddefendi l-kawża tiegħu quddiem Alla u jeħilsu mill-pwieni tal-Purgatorju. F'dan it-talb, San Ġużepp mela hu marbut mas-siegħa tal-mewt, mhux biss tal-moribondi li għalihom kien jitlob spiss kuljum iżda wkoll għalih, għall-grazzja ta' mewta tajba u fil-grazzja ta' Alla.

Talba oħra sabiħa u interessanti fil-pitazz tat-talb tal-Qaddej ta' Alla Patri Avertan Fenech, hi waħda qasira li fiha hu jitlob il-ħarsien fuq id-djar tal-Insara. Hawnhekk tidher id-devozzjoni lejn il-Patroċinju ta' San Ġużepp, titlu u festa li bdew fl-Ordni Karmelitan fl-1680 u li l-Papa Piju IX fl-10 ta' Settembru 1870 wessgħaha għall-Knisja Universali bid-dikjarazzjoni tal-Patronat ta' San Ġużepp fuq il-Knisja kollha.

Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata fit-Tielet Ħadd tal-Għid. Fit-talba li nsibu fil-pitazz ta' Patri Avertan San Ġużepp jissejjaħ "Kustodju tad-djar tal-Insara", kif ukoll "Missier". Hi talba sabiħa li tgħid hekk: Missierna S. Giusepp cun int il ghassa ta darna, eħlisna mid-dnub, min cul marda, min cull tigrif tar-ruħ u tal gisem. Magħha din it-talba kien hemm marbuta indulġenza ta' 100 jum.

Fl-aħħar nett fil-pitazz tat-talb San Ġużepp hu marbut mas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Fir-Rit Karmelitan, fit-talb li s-saċerdot kien jitlob ħalli jħejji għall-quddiesa fis-sagristija, kien hemm antifona u talba lil San Ġużepp li fihom jingħad li Alla lil dan ir-raġel hieni taħ jisma', iżomm f'idejh, ibus, iłibbes u jħares lil Dak li bosta slaten xtaqu jaraw u ma rawhx: Ġesù Kristu. It-talba titlob lil Alla biex bl-interċessjoni ta' San Ġużepp is-saċerdot ikollu l-grazzja li bħalu jilqa' d-don tal-qalb safja biex ikun jista' jaqdi lil Kristu fuq altar li fuqu waqt il-quddiesa s-saċerdot ikun se jilqa' f'idejh u jitqarben bil-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħu.

It-talba tinftiehem aktar meta wieħed jikkunsidra li skont ir-Rit Karmelitan, fil-quddiesa, ir-Rit tal-Paċi kien proprju jikkonsisti filli s-saċerdot jieħu l-ostja kkonsagrata f'idejh u jbusha mbagħad jgħaddi l-paċi lid-djaknu u lill-bqija. Hawnhekk San Ġużepp mela jsir qisu mudell tas-saċerdot li jisma' lil Kristu fl-Evanġelju, iżommu f'idejh fil-Konsagrazzjoni, ibusu waqt ir-rit tal-paċi, ilibbsu u jħarsu biex ngħidu hekk, meta jgħattih bis-sopra kalċi u jqiegħdu fuq il-korporal.

Ilkoll nafu mix-xhieda fil-fatt b'liema devozzjoni u tregħid il-Qaddej ta' Alla kien jagħmel dawn l-azzjonijiet liturġiċi waqt il-quddiesa.

Minn dan kollu nisiltu li d-devozzjoni tal-Qaddej ta' Alla lejn San Ġużepp kienet waħda profonda u ħierġa mill-imħabba tiegħu lejn Kristu. U kif wieħed jista' jħobb aħjar lil Kristu jekk mhux bl-istess imħabba ta' Marija u Ġużeppi. Fihom it-tnejn il-Qaddej ta' Alla sab il-mudelli perfetti mhux biss għall-ħajja tiegħu reliġjuża, iżda wkoll saċerdotali.

Nitolbuh lill-Qaddej ta' Alla, Patri Avertan Fenech, iħeġġilna f'qalbna dik l-imħabba ta' Marija u Ġużeppi lejn Ġesù u l-Knisja tiegħu.



Ritratt tas-santa li kien iżomm Patri Avertan fil-pitazz tat-talb, li turi l-kwadru tal-Patroċinju ta' San Ġużepp li jinsab fil-Knisja ta' Ġieżu, ir-Rabat